**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Andy James Fava**
**Christopher Anthony Mercieca**

Numru: 23/2013

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

**Andy James Fava**, li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 42589(G), ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Natalino u Mary neé Mizzi, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-27 ta' Settembru 1989 u residenti 34, Sqaq Papa Klement XIV, Gharb, Ghawdex,

u

**Christopher Anthony Mercieca**, li ghandu n-numru tal-Karta tal-Identita' 156801(L), ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben

Anthony u Mary neé Gurr, imwieled New York, Amerika, nhar il-15 ta' Jannar 1987 u residenti 'Christopher', Triq ta' Mattiju, Nadur, Ghawdex

akkuzati talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Marzu 2013 fi x'hin bejn il-11:30p.m. u l-00:40a.m. waqt li kienu qeghdin fi Triq Ta' Lambert, Xewkija, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. ikkommettew serq ta' diversi litri ta' *diesel* minn vettura tal-ghamla Leyland DAF, bin-numru tar-registrazzjoni LHQ 016, liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, bil-lok, bil-vjolenza u bil-hin u dan sar ghad-dannu ta' John Cauchi u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 123) datata 26 ta' Awwissu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 31, 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 261(a),(b),(e),(f),(g), 262, 263, 264, 269, 270, 271, 276, 277, 278, 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(d) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 125), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-26 ta' Awwissu 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza.

Semghet lill-imputat Christopher Anthony Mercieca jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Rat illi l-imputat Andy James Fava ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 173 *et seq.*), is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2013, xehed **PS 342 Johan Said** (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn spjega li fl-4 ta' Marzu 2013 kienu ronda hdejn il-heliport, innutaw vettura wieqfa suspettuza u waqfu. Jghid li sabu liz-zewg imputati u persuna ohra maghhom. Jghid li dawn kellhom xi laned vojta u landa b'xi *fuel* li gie ssuspettat li seta' kien insteraq u b'hekk gew arrestati. Ezebixxa l-okkorrenza li hejja hu li giet immarkata bhala Dok. "JS 1" (*a fol.* 35 *et seq.*). Jghid li mentri l-imputat Fava kien qieghed fil-post tax-xufier (fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAS 006 – Toyota Tercel bajda), l-imputat Mercieca, hekk kif rahom, rikeb fuq in-naha ta' wara u qabez il-landa li kien hemm fin-nofs tas-*seat* ta wara. Jispjega li din kienet landa ta' tletin litru li kien fiha xi *fuel*. Jixhed li Julian Calleja kien qieghed barra. Jghid li fil-bagoll tal-vettura kien hemm laned ohra vojta li, jekk jiftakar sewwa, kienu tlieta. Jghid ukoll li magenb trakk bin-numru ta' registrazzjoni LHQ 016, li kien ipparkjat, instab katnazz tat-tank tal-*fuel* imkisser u kien hemm ukoll *spill* tal-*fuel*. Jghid: *"fejn it-tank tal-fuel tal-vettura li kienu fiha s-sinjuri kien hemm spill tal-fuel u t-tapp tal-fuel kien nieqes u kien fuq in-naha ta' gewwa tal-karozza. Fil-karozza kien hemm ukoll zewg valve pumps […] li jittella' l-fuel bihom"* (*a fol.* 34). Jispjega li sid it-trakk l-ghada qallu li got-

trakk kien hemm b'madwar mija u hamsin Euro (€150) *fuel* nieqes u li b'kollox fil-granet ta' qabel kienu nsterqulu mat-tlett'elef Euro (€3000) *fuel* minn go vetturi ohrajn ipparkjati fix-Xewkija.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 151 *et seq.*), ma jiftakarx jekk l-imputati kienux xurbana, anzi jghid li ma jidhirlux li kienu xurbana. Ma jidhirlux li xamm riha ta' alkohol. Jghid li l-landa ta' tletin litru kienet mimlija bi tmien litri. Ma jidhirlux li xamm riha ta' *fuel* fuq l-imputati, pero jghid li barra xamm riha ta' *fuel*. Ma vverifikax il-valur tal-*fuel* li kien nieqes.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** (*a fol.* 41 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li gie nfurmat bih minn PS 342 Johan Said.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Bernard Charles Spiteri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 109) fejn ezebixxa sitt (6) ritratti li gew immarkati bhala Dok. "BS 1" sa "BS 6" (*a fol.* 109).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 166 *et seq.*), jghid li hadd mill-Pulizija ma rriferielu f'liema stat kienu fih l-imputati – jekk kienux xurbana jew jekk kellhomx riha ta' alkohol. Jghid li l-imputati gew arrestati fin-nofs siegha ta' filghodu (00.30am) u li huwa kellem lill-imputat Mercieca fil-11.30am u lil Fava fl-10.15am.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed ukoll **John Cauchi** (*a fol.* 56 *et seq.*) fejn qal li mit-trakk tieghu bin-numru ta' registrazzjoni LHQ 016, li kien jinsab hdejn il-helipad, kien ittiehed id-*diesel* b'valur ta' mija u hamsin Euro (€150). Jixhed li wasal ghal din ic-cifra minhabba li: *"ghax x'hin hallejtu kejjiltu mbaghad ergajt kejjiltu kemm kien fadal"* (*a fol.* 58). Jghid li dakinhar tal-akkadut marru ghat-trakk ghall-4.00am u sab it-tap tad-*diesel* imkisser u kif ukoll ingwanti tal-plastik fl-art. Jghid li mhux l-ewwel darba li ntsabu ngwanti bhal dawn fl-art

fejn ikun hemm it-trakkijiet u li meta kienu jinstabu kien isib it-trakk bla *diesel*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li qatt ma ra lil hadd hemmhekk.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014 (*a fol.* 147 *et seq.*), mistoqsi jghid kif stabbilixxa li kien ittiehed lilu l-ammont ta' €150 *diesel*, wiegeb: *"jien inkun naf kemm fih go fih it-trakk hu"* (*a fol.* 147). Jghid ukoll li kien ghadu kemm tefa' d-*diesel* filghaxija u li: *"x'hin inkejlu nkun naf kemm fih go fih jien it-trakk, x'hin inkejlu"* (*a fol.* 148). Jghid li kejlu fit-2 ta' Marzu u li huwa normali li jkejjel kemm ikun fih. Jghid li jkejlu b'bicca virga. Jikkonferma li Julian Calleja kien tah hamsin Euro (€50). Jghid li Calleja kien impjegat mieghu.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 556 Jonathan Spiteri** (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien *patrol* f'Triq ta' Lambert, Xewkija flimkien ma' PS 342 u PC 42. Huwa xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PS 342 Johan Said. Jghid ukoll li nstab bicca *pipe*. Jghid li t-tapp tal-*petrol* li ma kienx hemm wara nstab fuq is-*seat* ta' wara tal-vettura. Jghid li kien hemm id-dlam.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li l-imputati kienu prezenti. Mistoqsi dwar l-istat li kienu fih l-imputati u jekk kienux xurbana jghid: *"Christopher nahseb li kien vera xurban, kif kien jidher. Imma Andy Fava kien jidher li hu tajjeb"* (*a fol.* 64). Jghid li wasal ghall-konkluzjoni li Fava kien tajjeb peress li riekeb mieghu u Fava saq sew. Jghid li fil-vettura kien hemm riha ta' *diesel*. Ma jafx jekk l-imputati kellhomx riha ta' *diesel*.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 42 Paul Said** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn beda billi spjega li fl-4 ta' Marzu 2013 kien *patrol* flimkien ma' PS 342 u PC 556. Jixhed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PS 342 u PC 556. Jghid li wara li sabu lill-imputati, minn x'imkien gie Julian Calleja li beda jippanikkja. Jghid li l-landa li nstabet li fil-vettura kellha daqs kwart minnha mimlija b'likwidu li jahseb li huwa *diesel*. Jghid li l-laned li nstabu fil-bagoll kienu vojta.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid jekk setghax jigi nnutat li l-imputati kienu xurbana, wiegeb: *"Kienu jidhru li forsi kellhom, ma tantx, kienu jidhru li kellhom belgha"* (*a fol.* 69).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2013, xehed ukoll **Saviour Farrugia** (*Assistant Principal* fid-Dipartiment tal-Licenzji, Ghawdex – *a fol.* 70 *et seq.*) fejn spjega li vettura bin-numru ta' registrazzjoni TAS 006 issejjah lill-imputat Fava. Ezebixxa dokumenti in sostenn ta' dan, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "SF 1" u "SF 2" (*a fol.* 72 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Julian Calleja** (*a fol.* 87 *et seq.*) (il-proceduri fil-konfront tieghu gew decizi) fejn qal li lill-imputat Fava kien sellfu xi flus u li kien ilu biex jigborhom minn ghandu. Jghid li dakinhar qabel l-akkadut Fava mar fejn id-dar tieghu wara li kien dalam u li hu (Calleja) kien qed jistennieh bil-flus. Jghid li hadu zewg *drinks* u li Fava qallu li setgha jigborlu l-flus billi jaghmel serqa ta' *diesel* minn fejn il-heliport. Jghid li rikeb fil-vettura ta' Fava u li flimkien ma' Fava kien hemm l-imputat Mercieca. Jispjega li l-imputat Fava qallu biex hu (Calleja) joqghod ghassa u jaqbad jghajjat f'kaz li jkunu gejjin il-vetturi u b'hekk ikun jista' jaghmel is-serqa. Jghid li lill-imputat Mercieca ma jafux. Jixhed li marru fuq il-post sabiex Fava jkun jista' jiehu d-*diesel* u li Mercieca kien qed jaghmel ezatt bhal ma kien qed jaghmel Fava. Jghid li fejn kienu li kien hemm id-dlam u li ma jafx kif kien ser jittiehed id-*diesel*. Jixhed pero li kien ser jinghata d-*diesel* gol-laned, liema *diesel* kien ser jittiehed minn go trakk ta' certu Damjan. Jghid li dan it-trakk ma rahx. Jispjega li waqt li hu kien ghassa ma semax vetturi pero meta ra l-vettura tal-Pulizija gejja ma ghajjatx peress li mmutta.

In <u>kontro-ezami</u> jikkonferma li huwa ammetta li kien seraq. Jikkonferma li meta fix-xhieda tieghu qal li ha zewg *drinks* effettivament hadu aktar minn tnejn. Mistoqsi jghid jekk Damjan huwiex John Cauchi wiegeb li ma jafx.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014, xehed l-imputat **Christopher Anthony Mercieca** (*a fol.* 133 *et seq.*) fejn spjega li meta dakinhar

tal-akkadut waslu l-Pulizija huwa kien fuq il-post fil-vettura. Jghid li l-imputat Fava u hu kienu ltaqghu u kienu marru dawra bil-vettura. Jghid li hu (Mercieca) kien daqxejn xurban peress li kien xorob kwazi flixkun *whiskey* u tlett pinet birra. Wara li qal li kienu qeghdin iduru, gie mistoqsi x'gara u qal: *"F'hin minnhom kont quddiem u f'hin iehor nara dawl blu, ftaht ghajnejja rajt il-pulizija u kont qieghed wara tal-karozza mhux quddiem"* (*a fol.* 134). Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel f'dan il-hin, wiegeb li kien intelaq mixhut fil-vettura.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi hadd iehor ghajr ghalih u Fava, wiegeb li kien hemm Julian. Ma jiftakarx minn fejn rikeb Julian. Ma jiftakarx li ghaddew ghal Julian il-Munxar. Jaqbel li l-vettura hija ta' Fava. Jikkonferma li meta waslu l-Pulizija magenbu kien hemm il-laned. Jghid li wara li nhareg mill-vettura xamm riha ta' *fuel*. Ma jafx kemm kien il-boghod it-trakk li kien ipparkjat. Mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi raguni partikolari ghala waqfu fejn il-heliport fix-Xewkija, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2014, xehed ukoll **PC 1542 Christopher Thornton** (*a fol.* 154 *et seq.*) fejn qal li fil-lejl tal-akkadut kien assenjat fil-*lock-up*. Jghid li meta ngiebu l-imputati huma kellhom riha ta' alkohol. Mistoqsi jghid jekk hux it-tnejn, wiegeb li wiehed zgur. Ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok. "CT 1" (*a fol.* 158 *et seq.*). Jghid li firma tal-imputat Mercieca fuq dan id-dokument ma hemmx. Jiftakar li Mercieca kien daqxejn xurban mhux hazin. Fir-rigward tal-imputat Fava jghid li Fava setgha jiftiehem mieghu pero kien hemm riha ta' xorb.

In kontro-ezami, mistoqsi jghid jekk meta kellem lill-imputati kienx kapaci jikkomunika mat-tnejn li huma, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li ghad-domandi li staqsiehom, wiegbuh.

In ri-ezami, meta gie mistoqsi jghid ghala Mercieca ma ffirmax ladarba setgha jikkomunika wiegeb: *"Ma nafx; ma nafx ghalfejn ma ffirmax. Ghax anke ghall-proprjetà tieghu biex hadhom lura ma ffirmax lanqas"* (*a fol.* 157).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. "BSC 5" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Andy James Fava lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri, liema stqarrija giet rilaxxata fl-4 ta' Marzu 2013 fl-10.25am, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ma hax dan id-dritt (*a fol.* 14), l-imputat Fava jghid li l-gurnata ta' qabel mar l-ewwel darba id-dar ta' Julian Calleja flimkien mal-imputat Mercieca. Jghid li ghand Calleja xorbu xorb alkoholiku. Jghid li fil-bagoll tieghu Calleja tefa' erba' laned vojta. Jghid li hu kien fi stat ta' xorb. Jghid li ma kellux idea li kien ser jinsteraq id-*diesel*. Jispjega li Julian nizel wahdu mill-vettura. Jghid li huwa baqa' xorta fil-post u mistoqsi ghala baqa' hemm u fetah it-tank tal-*fuel* tieghu (ta' Fava) halli Calleja jitfa d-*diesel* ghandu, wiegeb: "*Tentazzjoni ee*" (*a fol.* 12 *tergo*). Jghid li huwa lest li jhallas tal-*fuel* li ha. Mistoqsi x'ghamel l-imputat Mercieca, jghid li dan kien fis-sakra u kien qieghed jghid affarijiet li ma jaghmlux sens.

Illi, fit-tieni stqarrija (*a fol.* 15 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Andy James Fava lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri, liema stqarrija giet rilaxxata fil-5 ta' Marzu 2013 fl-9.45am, Fava kkonferma l-istqarrija li rrilaxxa l-gurnata ta' qabel. Ma ghandux idea kif meta waslu l-Pulizija lilu rawh diehel fil-vettura. Jghid li huwa rrealizza li Calleja kien ser jiehu l-*fuel* peress li meta sema' tfaqqiegh mat-tank ta' trakk, rrealizza li dan kien ghal gol-*fuel* tank tieghu. Jghid li ma waqqafx lil Calleja minn dak li kien qed jaghmel pero kien qed jahseb jekk jitlaqx jew jibqa' hemm.

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. "BSC 6" – *a fol.* 17 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Christopher Anthony Mercieca lill-Ufficjal Prosekutur Spiteri, liema stqarrija giet rilaxxata fl-4 ta' Marzu 2013 fil-11.55am, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ma hax dan id-dritt (*a fol.* 19), qal li lill-imputat Fava jafu pero lil Calleja ma jafux. Jghid li ma ghandux idea kif il-gurnata ta' qabel spicca x-Xewkija. Jghid li lil Fava qallu biex jghaddi fejn kien hu halli jiehdu *drink* u mbaghad jaf li kienu

sejrin halli johorgu dawra u ma jafx x'sar aktar ghax kien *"complete black out"* (*a fol.* 17 *tergo*). Jghid li xorob hafna xorb alkoholiku. Ma jafx li mar ghand Julian Calleja. Ma jafx fejn ltaqa' ma' Calleja. Li jaf hu li meta riekeb fil-vettura ta' Fava, riekeb fuq quddiem u li meta waslu l-Pulizija kien fuq wara u beda jiccajta u jidhak. Ma rax laned fil-vettura ta' Fava. Jghid li kien fis-sakra. Jghid li ma jafx li kien ser isir serq ta' *diesel*. Jichad li x'hin waslu l-Pulizija, Julian Calleja tefa' xi laned tal-plastik fuq is-*seat* fejnu. Jghid li meta kien fuq il-post xamm xi riha u mistoqsi jghid jekk staqsiex lil xi hadd dwar din ir-riha, wiegeb: *"Jien hsibtha fuq hwejgi. Jien ma' saqsejt lil hadd dwarha izda, ghax hsibt li ghaddejna minn xi mkien li jew waqa l-fuel"* (*a fol.* 18).

Illi, fit-<u>tieni stqarrija</u> (*a fol.* 20 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Christopher Anthony Mercieca, liema stqarrija giet rilaxxata fil-5 ta' Marzu 2013 fid-9.00am, mistoqsi jghid kemm jahseb li damu fil-vettura fejn il-heliport, wiegeb li ma jafx ghax kien fis-sakra. Jghid li jista' jkun li malli nduna li kienet gejja vettura huwa dahal fil-vettura ta' Fava. Ma jiftakarx li fejn kien hu fuq is-*seat* ta wara kien hemm landa. Mistoqsi jghid x'kienu qed jaghmlu l-imputat Fava u Calleja, jghid li hu haseb li kienu qed jiccajtaw mieghu peress li hu kien xurban. Jghid li ghandu idea li kien hemm trakk pparkjat. Jghid li ma kellux idea li kien qed jittiehed xi *fuel*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma pjuttost semplici. L-imputati qeghdin jigu akkuzati b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputati qeghdin jigu akkuzati li kkommettew serq ta' *diesel* ghad-dannu ta' John Cauchi, liema serq huwa kkwalifikat b'numru ta' aggravji, u taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati b'ricettazzjoni. Qabel il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imptuazzjonijiet *per se*, il-Qorti ser taghmel xi konsiderazzjonijiet rigward dak li tallega d-difiza fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 173 *et seq.*) u cioé li l-imputati kienu fi stat ta' sokor.

Illi d-difiza ssostni li l-imputati kienu fi stat ta' sokor u b'hekk ma kellhomx rikonoxximent tat-tajjeb u l-hazin u b'hekk ma setghux jifformaw l-intenzjoni specifika jew generali u ghalhekk issostni li l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputati ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront taghhom.

Illi minkejja li, fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza tinsisti li kienu z-zewg imputati li kienu allegatament xurbana, il-Qorti tinnota li bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jistgha jinghad li dakinhar tal-akkadut l-imputat Fava kien xurban. *Di fatti*, anke x-xhud prodott mid-difiza, cioé PC 1542 Christopher Thornton (*a fol.* 154 *et seq.*), qal li minkejja li kien hemm riha ta' xorb, setgha jiftiehem mal-imputat Fava. Apparti minn dan, PC 556 Jonathan Spiteri (*a fol.* 60 *et seq.*), prodott mill-Prosekuzzjoni, xehed li l-imputat Fava kien jidher li huwa tajjeb tant li huwa riekeb mieghu u Fava saq sew. Dak li jrid jigi kkunsidrat ghalhekk huwa jekk id-difiza tas-sokor ghandhiex tigi applikata fir-rigward tal-imputat Mercieca.

Illi jkun opportun f'dan l-istadju li l-Qorti taghmel riferenza ampja ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Camilleri** deciza fis-6 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi din il-materja ta' sokor hija kkontemplata fl-Artikolu 34 tal-Kap. 9 u s-subartikoli tieghu. Bhala regola generali, l-Artikolu 34(1) tal-Kap. 9 jiddisponi li s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali. L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali jinsabu fis-subartikoli sussegwenti ta' dan l-Artikolu 34(1), u *qua* eccezzjonijiet, dawn ghandhom jigu interpretati u applikati ristrettivament u salv li jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet hemm espressament stabbiliti. Kundizzjoni minnhom hi li l-akkuzat ikun fi stat ta' sokor mhux volut, dak imsejjah accidentali, cioé, bla ma ried hu, bl-ghemil doluz, jew negligenti ta' haddiehor. Din hi l-kundizzjoni essenzjali biex tavvera ruhha l-ewwel eccezzjoni ghar-regola generali

msemmija li s-sokor mhux eccezzjoni ghall-akkuza kriminali, u hi espressa fl-Artikolu 34(2)(a) tal-Kap. 9.

[...]

Eccezzjoni ohra ghar-regola generali hija dik ikkontemplata fl-Artikolu 34(2)(b) tal-Kap. 9 fejn minhabba s-sokor tieghu, l-akkuzat kien fi stat ta' genn, kemm temporanjament u kemm le, filwaqt li kien qed jikkommetti r-reat in kwistjoni. [...]

L-eccezzjoni taht is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 34 tal-Kap. 9 ukoll ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex din tirreferi u hi applikabbli biss f'kaz li tigi accettata l-eccezzjoni taht is-subartikoli (a) u (b) ta' l-Artikolu 34(2) tal-Kap. 9, li kif ga' ntqal, ma japplikax ghal dan il-kaz.

L-ahhar eccezzjoni hi dik taht is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 34 tal-Kap. 9, li jghid li l-istat ta' sokor ghandu jitqies sabiex jigi stabbilit jekk il-persuna akkuzata kinitx iffurmat l-intenzjoni, specifika jew xort'ohra li minghajrha ma kinitx tkun hatja ta' reat. Skond din il-Qorti, jidher li l-Ewwel Qorti waslet biex tillibera lill-appellat Mario Camilleri mill-akkuzi taht l-Artikolu 95 u 96 tal-Kap. 9 a bazi ta' din l-eccezzjoni, u mhux a bazi ta' l-Artikolu 34(2)(a)(b) tal-Kap. 9. Dan hu ghaliex l-Artikolu 34(2)(a)(b) tal-Kap. 9 jitkellem biss fuq zewg ipotesijiet biex tirnexxi din l-eccezzjoni: u cioé: (a) li l-istat ta' sokor ma jkunx wiehed volut, u (b) li minhabba dan l-istat ta' sokor, l-akkuzat kien fi stat ta' genn, anke jekk temporanjament, waqt li kien qed jikkommetti r-reat. Gà gie rrilevat li dawn iz-zewg kundizzjonijiet ma jirrizultawx lil din il-Qorti fil-kaz in ezami.

Illi anke mill-istess dicitura fil-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar fis-sentenza appellata ta' l-Ewwel Qorti, jidher car li dik il-Qorti accettat l-eccezzjoni ghall-istat ta'

sokor volut ta' l-appellat taht l-Artikolu 34(4) tal-Kap. 9. Fil-fatt, dik il-Qorti qalet hekk: *"Din il-Qorti hi tal-fehma li l-istat ta' sokor ta' l-imputat kien tali li mpedielu l-percezzjoni u gudizzju siewi dak li kien qed jaghmel".* Cioé, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li minhabba l-istat ta' sokor li l-appellat kien fih, hu ma setax jifforma l-intenzjoni specifika, jew xort'ohra, biex ikun hati tar-reati li ghamel. U dan hu ezattament dak li jghid dan l-Artikolu 34(4) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat

Illi minkejja li gie ppruvat bla dubbju ta' xejn li l-appellat kien fi stat ta' sokor volut minnu, wiehed, qabel ma jaccetta l-eccezzjoni ghar-regola generali li stat ta' sokor mhux difiza, u senjatament taht l-Artikolu 34(4) tal-Kap. 9, ghandu ukoll jara u jezamina ulterjorment jekk minkejja dan l-istat ta' sokor jew stat iehor approssimattiv, li forsi seta', b'xi mod, jinnewtralizza l-possibilità ta' intenzjoni partikolari, kienx hemm il-possibilità ta' intenzjoni ohra. Ghandu jigi ezaminat jekk l-appellat kienx fi stat li ma setax ikollu l-kapacità li jifforma intenzjoni ghal reat partikolari, izda kellu l-kapacità li jifforma intenzjoni ghal reat iehor".

Illi fin-notamenti tieghu, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk (a fol. 92-93):

*"intoxication must be taken into account for the purposes of determining whether the accused had formed any intent, whether specific or otherwise, in the absence of which he would not be guilty of the offence. We have alrady seen that all wilful crime generally and, exceptionally, certain contraventions, require the concurrence of a wrongul intent and that some particular crimes require a <u>specific</u> intent. Now intoxication which so obscures the mind as to render the person incapable of forming the requisite specific or generic intent or which shows that he did not in fact form*

*such an intent, is a defence to the offence charged: it affords a defence for the 'actus reus' by being evidence that no guilty state of mind existed. The more complex the intent required by the definition of the particular offence, the more likely is drunkenness to be useful in disproving the presence of some element requisite to it"*

Illi wara li saret l-espozizzjoni legali t'hawn fuq, ikun opportun issa li l-Qorti taghmel riferenza ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali rigward l-allegat stat ta' sokor tal-imputat Mercieca:

- PS 342 Johan Said (*a fol.* 151 *et seq.*) xehed li ma jidhirlux li z-zewg imputati kienu xurbana.

- PC 556 Jonathan Spiteri (*a fol.* 64 *et seq.*) xehed li jahseb li l-imputat Mercieca kien jidher li hu xurban.

- Meta PC 42 Paul Said (*a fol.* 66 *et seq.*) gie mistoqsi jghid jekk setghax jigi nnutat li l-imputati kienu xurbana, wiegeb: *"Kienu jidhru li forsi kellhom, ma tantx, kienu jidhru li kellhom belgha"* (*a fol.* 69).

- Christopher Anthony Mercieca (*a fol.* 133 *et seq.*) jixhed li kien fis-sakra.

- PC 1542 Christopher Thornton (*a fol.* 154 *et seq.*) xehed li ma jafx ghala ma hemmx firma tal-imputat Mercieca fuq Dok. "CT 1" (*a fol.* 158 *et seq.*). Jghid li anqas hemm firma ta' Mercieca meta huwa ha l-proprjeta' tieghu lura. Huwa jghid li Mercieca kien daqxejn xurban mhux hazin. Minkejja dan, meta gie mistoqsi jghid jekk meta kellem lill-imputati kienx kapaci jikkomunika mat-tnejn li huma, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li ghad-domandi li staqsiehom, huma wiegbuh.

- Fir-rapport (Dok. "BSC 7" – *a fol.* 24 *et seq.*) redatt minn PS 342 Johan Said gie mnizzel hekk: *"The Police noted the suspicious movement of Christopher A. Mercieca who from no-*

*where was noted suspiciously boarding on the rear of said vehicle behind the driver"* (*a fol.* 27).

Illi, apparti l-fatt li diga nghad aktar il-fuq, li ma jistghax jinghad li dakinhar tal-akkadut l-imputat Fava kien xurban, mill-assiem tal-provi prodotti u mill-espozizzjoni legali li saret hawn fuq, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-kundizzjoni kontemplata fl-Artikolu 34(4) tal-Kapitolu 9 fir-rigward tal-imputat Mercieca giet sodisfatta u b'hekk m'ghandux ikun applikat dan l-artikolu. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li mill-provi jirrizulta b'mod inekwivoku li fil-mument tal-kommissjoni tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, l-imputat Mercieca wasal ghal dak l-istat ta' sokor previst mil-ligi li jeskludi l-*mens rea*. Ma jirrizlutax li l-imputat Mercieca ma kienx jaf x'qed jaghmel. Dan japplika wkoll ghall-imputat Fava.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront taz-zewg imputati.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, bil-lok, bil-vjolenza, u bil-hin)**:
Illi fir-rigward tar-reat ta' serq, il-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u

gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., <u>Trattato di Diritto Penale Italiano</u> (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u tenut kont ta' dak mismugh mill-Qorti, b'mod partikolari ta' dak li sabu l-Pulizija meta accedew fuq il-post u ta' dak li xehed Julian Calleja, jirrizulta sodisfacentement pruvat li z-zewg imputati kellhom sehem attiv fis-serq ta' *diesel* ghad-dannu ta' John Cauchi, li xehed anke f'dawn il-proceduri.

Illi fir-rigward tal-kwalifiki ta' xorta tal-haga misruqa, tal-mezz, tal-lok, u tal-hin, il-Qorti hija sodisfatta li s-serq kien qed isir bil-lejl, minn vettura, fi triq barra mill-abitat u billi gie mkisser katnazz tat-tank tal-*fuel*. Ghaldaqstant, jirrizulta li l-kwalifiki msemmija gew sodisfacentement pruvati. Fir-rigward tal-kwalifika tal-vjolenza, din ma gietx pruvata.

B'hekk m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront taz-zewg imputati giet sodisfacentement pruvata u dana bil-kwalifiki kollha msemmija ghajr ghal dak tal-vjolenza.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ricettazzjoni)</u>**:
Illi m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-

konfront tal-imputati u ghaldaqstant, ladarba l-Qorti ser issib htija tal-imputati fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti ser tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputati Fava u Mercieca giet sodisfacentement pruvata u dana ghajr ghall-kwalifika tal-vjolenza li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjoni msemmija.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali taz-zewg imputati[1] minn liema jirrizulta li l-imputati ghandhom il-fedina penali taghhom kompletament nadifa, in-natura tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront taz-zewg imputati u li giet pruvata u kif ukoll l-eta' taz-zewg imputati meta kkommettew dan ir-reat. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputati jaghrfu jimxu fit-triq it-tajba u jaghrfu ma jergghux jirrepetu l-izball li huma kkommettew.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputati hatja tal-kwalifika tal-vjolenza taht l-ewwel (1) imputazzjoni u b'hekk tilliberahom mill-imsemmija kwalifika, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 26 ta' Awwissu 2013 u senjatament Artikoli 261(b), 261(e), 261(f), 261(g), 263, 264, 269, 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Andy James Fava u Christopher Anthony Mercieca hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra taghhom (bil-kwalifiki kollha **ghajr** ghall-kwalifika tal-vjolenza) izda, billi Hija tal-

---

[1] Dok. "BSC 1" – *a fol.* 8 u Dok. "BSC 3" – *a fol.* 10.

fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputati Andy James Fava u Christopher Anthony Mercieca taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordnijiet huma soggetti ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordnijiet ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reat li taghhom instabu hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordnijiet ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputati Andy James Fava u Christopher Anthony Mercieca.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**